

## DEĊIJONI (UE) 2018/1360 TAL-PARLAMENT EWROPEW

**tat-18 ta' April 2018**

**dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Ufficiċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2016**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Ufficiċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2016,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Ufficiċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2016, flimkien mar-risposta tal-Ufficiċju (<sup>1</sup>),
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (<sup>2</sup>) dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2016, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2018 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Ufficiċju fir-rigward tal-implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2016 (05941/2018 – C8-0087/2018),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (<sup>3</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Ufficiċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (<sup>4</sup>), b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>5</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0083/2018),
1. Jipposponi l-għeluq tal-kontijiet tal-Ufficiċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2016;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Ufficiċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*

Antonio TAJANI

*Is-Segretarju ġenerali*

Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 417, 6.12.2017, p. 79.

<sup>(2)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.

<sup>(5)</sup> ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.